

Brussell, 27 ta' Frar 2017
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2015/0281 (COD)

6580/17
ADD 1

CODEC 251
DROIPEN 21
COPEN 55
JAI 162

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI - Adozzjoni tal-att leġislattiv (AL+ D) = dikjarazzjoni

Dikjarazzjoni konġunta mill-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni

L-attakki terroristiċi reċenti fl-Ewropa enfasizzaw il-ħtieġa li nsaħħu l-isforzi biex tiġi salvagwardjata s-sigurtà filwaqt li nipromwovu r-rispett tal-valuri komuni tagħna li jinkludu l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem. Bil-għan li jingħata rispons komprensiv għat-theddida terroristika dejjem tinbidel, il-qafas imsaħħaħ ta' kriminalizzazzjoni għall-ġlieda kontra t-terroriżmu jeħtieġ li jiġi kkomplementat minn miżuri effettivi dwar il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni li twassal għat-terroriżmu u l-iskambju effiċjenti ta' informazzjoni dwar reati terroristiċi.

Huwa f'dan l-ispirtu li l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri jesprimu l-impenn tagħhom kollettivament - fil-qasam ta' kompetenza rispettiv tagħhom - biex ikomplu jiżviluppaw u jinvestu f'miżuri preventivi effettivi, bħala parti minn approċċ transsettorjali komprensiv li jinvolvi l-politiki rilevanti kollha, inkluż b'mod partikolari fil-qasam tal-edukazzjoni, l-inklużjoni soċjali u l-integrazzjoni, u l-partijiet ikkonċernati kollha, inkluż l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-komunitajiet lokali jew is-sħab fl-industrija.

Il-Kummissjoni ser tappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri, b'mod partikolari billi toffri appoġġ finanzjarju għal proġetti mmirati li jiżviluppaw għodod li jindirizzaw ir-radikalizzazzjoni u permezz ta' inizzjattivi u networks fuq il-livell tal-UE, bħan-Netzwerk ta' Sensibilizzazzjoni dwar ir-Radikalizzazzjoni.

Il-Kunsill tal-UE, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea jenfasizzaw il-ħtieġa ta' skambju effettiv u f'waqtu tal-informazzjoni kollha rilevanti għall-prevenzjoni, id-detezzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi bejn l-awtoritajiet kompetenti fl-Unjoni. F'dan ir-rigward, hu essenzjali li jsir użu sħiħ mill-istrumenti, il-mezzi u l-aġenziji eżistenti kollha tal-Unjoni għall-iskambju ta' informazzjoni, kif ukoll li l-leġislazzjoni adottata kollha tal-Unjoni f'dan il-qasam tiġi implimentata rapidament.

It-tliet istituzzjonijiet jafferaw mill-ġdid il-ħtieġa li il-funzjonament tal-qafas ġenerali tal-UE għall-iskambju ta' informazzjoni jiġi vvalutat u li n-nuqqasijiet possibbli jiġu indirizzati b'azzjonijiet tanġibbli, inkluż fid-dawl tal-Pjan direzzjonali għat-titjib tal-iskambju ta' informazzjoni u tal-ġestjoni tal-informazzjoni, inkluż soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà fil-qasam tal-ĠAI¹.

¹ dok. 9368/1/16